Tribunal Industrijali

Decizzjoni Numru 1489

Kaz Numru 1753

Fil-Kwistjoni tax-Xoghol

Bejn

Brian Busittil

U

Alpha Colour Limited

Dwar tkeccija mill-impjieg
Allegata li hija ngusta

Illum 23 ta' Frar 2004

Chairman: Dr. Martin Fenech LL.D. Dip. Adv. Eur. Stud. (Bruges)

Dan il-kaz gie riferit lit-Tribunal Industrijali wara ittra ossia dikjarazzjoni mibghuta lit-Tribunal Industrijali datata 7 ta' Frar 2003 mill-Avukat Dr. John Refalo li bghat din l-ittra ghan-nom ta' Brian Busuttil fejn talab li dan il-kaz jinstema' quddiem it-Tribunal Industrijali halli jigi ddikjarat illi d-decizzjoni tal-kumpanija Alpha Colour Limited dwar tkeccija ta' Brian Busuttil kienet ingusta. Talab ukoll illi Brian Busuttil jinghata r-rimedju opportun inkluz hlas ta' danni kagunati bit-terminazzjoni u li l-kumpanija Apha Colour Limited thallas l-arretrati ta' paga u n-notoce period.

Brian Busuttil maghruf bhala l-appellant kien assistit mill-Avukat Dr. John Refalo u ghall-Kumpanija Alpha Colour Limited deher Charles Borg assistit mill-Avukatessa Dr. Vanessa Borg.

**Dikjarazzjonijiet tal-Kaz**

Fl-istqarrija tal-kaz l-appellant iddikjara li kien jahdem mal-kumpanija Alpha Colour Limited l-ewwel bhala Quality Controller u wara bhala Production Manager meta eventwalment tkecca fil il-31 ta' Ottubru

2002 wara li dam hames snin jahdem mal-kumpanija. L-istess appellant jghid illi l-kumpanija kienet ghaddejja minn zminijiet hziena tant li kecciet diversi haddiema u ma bediex jinghata l-paga. Fil-gurnata tat-tkeccija la inghata l-paga b'arretrati u l-anqas n-notice. L-istess Brian Busuttil jiddikjara illi hu dejjem qeda d-dmirijiet tieghu tajjeb ghalhekk it-tkeccija hija ingusta u ma saritx ghal ragunijiet skond kif titlob il-Ligi.

Is-socjeta fl-istqarrija taghha qalet li t-terminazzjoni tal-impjeig ta' Brian Busuttil gie terminat minhabba li Brian Busuttil naqas li jwettaq d-doveri li l-kariga tieghu kienet tirrikjedi , kien jittraskura x-xoghol u kien imwissi diversi drabi dwar in-nuqqassijiet tieghu tant li kien qieghed jippregudika l-kumpanija.

**PROVI**

Quddiem it-Tribunal Industrijali gew imressqa diversi provi. Xehed Brian Busuttil fejn iddikjara illi fl-ewwel erba' snin kien hemm bizzejjed xoghol pero fl-ahhar sena tal-impjieg tieghu x-xoghol tant naqas li tkeccew hafna mill-haddiema u kien hemm xoghol ghall-jumejn biss fil-gimgha u l-granet l-ohrajn ma kien jaghmel xejn. Meta ma kienx hemm x'jaghmel kien jistudja. L-istess Brian Busuttil iddikjara li kien dejjem ilahhaq mad-deadlines. Brian Busuttil ammetta li l-paga kienet dejjem tard u kemm hu kif ukoll l-impjegati tilfu l-interess.

Xehed Charles Borg direttur tal-Kumpanija Alpha Colour Lmited li iddikjara li Brian Busuttil kellu r-responsabilita ta' l-impjegati, jara l-kwalita u jiftah u jaghlaq il-kumpanija. Qa li l-appellant tilef l-interess fix-xoghol u kien jidhol tard. Charles Borg iddikjara li huwa minnu lil-paga kienet tinghata tard pero kien lest li jtiehielu kollha.

Xehed ukoll Dr Ray Borg direttur tal-kumpaniia Alpha Colour Limited fejn iddikjara li meta tkecca Brian Busuttil u ha over il-laboratorju sab hafna nuqqasijiet u hmieg liema xoghol kien esklussivament ta' Brian Busuttil. Ammetta ukoll li naqas ix-xoghol.

Xehed Silvio Borg estensivament. Iddkjara li parti mir-responsabilitajiet ta' Brian Busuttil kien jinkludi li jiehu hsieb l-produzzjon kif ukol l-istandards u l-kwalita tax-xoghol. Silvio Borg iddikjara li gieli ma kienx kuntent bix-xoghol li kien johrog mill-fabbrika

u minkejja li kien jipprova jaqbad ma Brian Busuttil anki fuq il-mobile l-istess Brian Busuttil kien jinjorah. Darba fost ohrajn Brian Busuttil hedded lill-istess Silvio Borg illi jekk mhux ser ihallasu ghall-paga ma kienx lest li ikompli jahdem. Qal ukoll li l-ftit xoghol li kien hemm ma kienx jaghmlu. Ghar-rigward l-manutenzjoni fil-laboratorju Silvio Borg iddikjara li Brian Busuttil qatt ma talbu jaghmel xi spejjes jew manutenzjoni fil-laboratorju. Kien hemm diversi ilmenti fuq ix-xoghol li kien johrog.

Rega xehed Brian Busuttil fejn spjega l-x-xoghol kien johrog inferjuri peress lli t-testijiet ma kinux isiru tajbin minhabba li ma kienx hemm bizzejjed flus sabiex isiru t-testijiet u dan minkejja d-diversi suggerimenti tieghu kif ukoll rapporti.

## KUNSIDERAZZJONIJIET

It-Tribunal ikkonsidera diversi aspetti ta' dan il-kaz u jibda' biex jghid li qieghed jemmen illi x-xoghol verament naqas Jemmen ukoll illi l-impjegati kif ukol Brian Busuttil kien jaghmel diversi granet jaghmel xejn u ha l-inizzjattiva sabiex jistudja waqt il-hin tax-xoghol sabiex jimla l-vojt. It-Tribunal pero mhuwiex qieghed jemmen lid-direttri tal-Kumpanija Alpha Colour Limited li x-xoghol kien johrog inferjuri minhabba xi nuqqassijiet ta' Brian Busuttil anzi qieghed jemmen lill-Brian Busuttil meta qal li t-tort ta' nuqqas ta' standard kien fil-process plant u mhux minhabba x-xoghol tieghu jew tal-impjegati.

It-Tribunal ghamel hafna riflessjoni fuq dak li stqarr id-direttur Silvio Borg meta ghamel enfazi fuq l-atttitudini ta' Brian Busuttil meta infurmah illi "qabel ma ttuni dak li ghadkom ittuni b'lura jien ma jien lest li naghmel xejn." Donnu din kienet ir-raguni principali tat-tkeccija.

It-Tribunal ihoss illi dan il-kumment da parte ta' Brian Busuttil ma kienx f'loku aktar u aktar meta hu impjegat fil-posizzjoni ta' Manager pero it-Tribunal jifhem hafna l-posizzjoni li kien jninsab fiha Brian Busuttil. Ma jidherx li kien hemm xi tama li l-kumpaija kienet ser tirkupra peress li investiment gdid ma kienx hemm, xoghol gdid ma kienx qieghed jidhol u kellu l-paga lura.

It-Tribunal jifhem li Brian Busuttil kellu nuqqas ta' motivazzjoni u interess pero jekk dan kien il-kas missu telaq. In fondo l-paga hija

dovuta u kien qiegħed jibbenefika mill-fatt lli ma kellux xogħol u kien jagħaddi żmien jistudja. Għażel li jibqa pero jekk għamel din id-deċizzjoni missu kien joqgħod għall-ordnijiet li kellu mis-superjuri tiegħu u jagħmel dak li ġie ordnat.

It-Tribunal iħoss pero li l-kumpanija naqset milli tipprova x'kien dan ix-xogħol li kellu jagħmel u anki jekk ippruvat x'kien dan ix-xogħol il-kumpanija f'dan il-każ kellha toħroġ warnings anki bil-miktib meta hi stess kienet taf li kellha diversi nuqqassijiet fosthom in-nuqqas ta' paga.

It-Tribunal mhiex ser tidħol fit-tielet talba ta' Brian Busuttil għar-rigward l-arretrati tal-paga u n-notice period peress li dan it-Tribunal mhuwiex il-forum kompetenti sabiex jiddeċiedi fuq din it-talba.

It-Tribinal iħoss li l-kumpanija sabet skuża sabiex tkeċċi lill-Brian Busuttil u li r-raġuni vera tat-tkeċċija ma ġietx ippruvata.

**Deċizzjoni**

It-Tribunal Industrjali wara li kkunsidera l-istatements u s-sottomissjonijiet tal-partijiet ikkonċernati ra u eżamina d-dokumenti eżebiti, sema' u evalwa x-xhieda prodotti, u l-fatti u ċ-ċirkostanzi kollha tal-każ jiddikjara li l-kumpanija Alpha Colour Limited ma kinetx ġustifikata li tkeċċi lill-Brian Busuttil mix-xogħol għar-raġuni ta' "Dixxiplina".

Għaldaqstant it-Tribinal Industrijali jiddeċiedu billi jilqa dan l-appell bl-billi jordna lis-soċjeta Alpha Colour Limited taħallas lill-Brian Busuttil l-ammont ta' sitt mitt LIra Maltin (LM600) bl-ispejjes jiġu sopportati interament mis-soċjeta Alpha Colour LImited

Għall-finijiet ta' L-Avviż Legali 48 tal-1986 jistabilixxi d-drittijiet ta' min assista l-partijiet fl-ammont ta' erbgħin Lira Maltin (LM40).

B'hekk tintemm din il-kwistjoni tax-xogħol.

Dr. Martin Fenech
Chairman

Vince Micallef
Segretarju